*- SERVIZZ TELEFONIKU - RELAZZJONI GURIDIKA-*

*- RES INTER ALIOS ACTA-*

*- ART. 20 TAL-AVVIZ LEGALI 47 TAL-1972- .*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju, 2001

**Kawza Numru: 2**
**Citazzjoni Numru: 583/94/RCP**

**Maltacom plc**

**vs**

**Lucy mart Joseph Debono**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illli l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-attur nomine s-somma ta' seba' mija u sitta u tlettin lira u wiehed u hamsin

centezmi (Lm736.51) bhala prezz ta' servizz tat-telefon numru 663520 skond il-prospett hawn esebit bhala Dok. "A"; u illi interpellati sabiex ihallsu dan il-kont, il-konvenuti baqaw inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li din il-Qorti:-

(1) Tikkundannhom ihallsu is-somma ta' seba' mija u sitta u tlettin lira u wiehed u hamsin centezmi (Lm736.51) bhala prezz ta' servizz tat-telefon numru 663520, kollox kif intqal.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 1678/93/JV kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 7 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-11 ta' Mejju 1994 fejn gie eccepit:

(1) Illi l-konvenuta ilha zmien twil li ghaddiet il-proprjeta' lill-certu Anthony James u l-kontijiet pendenti kollha jappartjenu ghal dak il-perjodu li l-imsemmi Anthony James kien jokkupa l-proprjeta' u li naturalment kien jaghmel uzu mis-servizz tat-telefon numru 663520.

(2) Illi hija kienet ghamlet minn kollox sabiex tipperswadi lil Anthony James sabiex jaghmel it-transfer opportun izda huwa qatt ma ried jikkopera maghha.

(3) Illi ghalhekk jehtieg li ssir il-kjamata in kawza tal-istess Anthony James.

(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 1994.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tad-29 ta' Settembru 1994 u d-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Settembru 1994 fejn ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lid-difensur tal-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta u rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Dicembru 1994 fejn rat li ghalkemm notifikat bir-rikors u l-imsemmi digriet, il-kontro-parti baqghet ma wegbitx u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tiddekreta dan ir-rikors kameralment u tirriserva li tipprovdi fl-udjenza.

Rat il-verbal tal-20 ta' Jannar 1995 fejn xehdet bil-gurament il-konvenuta. Dr Gavin Gulia ddikjara li irrinunzja ghat-talba tieghu tal-kjamat in kawza ta' Anthony James u ddikjara li fadallu biss jipproduci bhala xhud lil Anthony

James. Il-kawza giet differita ghall-25 t'Ottubru 1995 ghall-provi tal-konvenuta.

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 1995 fejn Dr Gulia ddikjara li huwa intavola azzjoni kontra Anthony James biex jigi kkundannat ihallas l-ammont tac-citazzjoni u ghalhekk talab differiment biex sadanittant il-konvenuta tkun ottjeniet sentenza kontra tieghu. Dr Farrugia ghas-socjeta` attrici ma opponix. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Marzu 1996.

Rat il-verbali tat-13 ta' Marzu 1996, tas-26 ta' Gunju 1996, tas-7 t'Ottubru 1996, tas-27 ta' Jannar 1997, tad-9 ta' April 1997, u 10 ta' Dicembru 1997 u tat-22 ta' April 1998.

Rat ir-rikors tas-socjeta kummercjali Maltacom plc tal-15 ta' Mejju 1998 u d-digiet tal-Qorti tas-26 ta' Mejju 1998 fejn rat l-artikoli 181A u 175 tal-Kap 12 u laqghet it-talba u filwaqt li awtorizzat lis-socjeta` Maltacom plc tassumi l-atti tal-kawza, ordnat li l-kliem fl-okkju tal-kawza, minn 'Saviour' sa 'Telemalta' jithassru u minflokhom jidhlu l-kliem 'Maltacom p.l.c.'.

Rat il-verbali tat-28 ta' Ottubru 1998 u tal-5 ta' Frar 1999 fejn il-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici nforma l-Qorti li ghandu jintavola rikors, u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-15 t'Ottubru 1999.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tad-9 ta' Frar 1999 u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Frar 1999.

Rat il-verbal tal-15 t'Ottubru 1999 fejn Dr Gulia rrimetta ruhu ghat-talba tar-rikors tas-socjeta` attrici. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li sa fejn hu possibbli s-socjeta` attrici tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura ta' l-affidavit. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Frar 2000.

Rat il-verbal tat-23 ta' Frar 2000 fejn Dr Claire Calleja ghas-socjeta` attrici nfurmat lill-Qorti li hemm possibilita` li l-konvenuta thallas is-somma dovuta u ghalhekk talbet differiment ghall-probabbli cessjoni. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Marzu 2000.

Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu 2000 fejn il-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici talab li l-kawza tiehu l-kors normali taghha u rat id-digriet tal-istess Qorti.

Rat il-verbali tat-22 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnutat li fil-process m'hemm l-ebda affidavit. Inghata digriet sabiex s-socjeta' attrici tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavit, b'dan li fin-nuqqas li dawn isiru l-kawza tmur *sine die*. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici ghas-7 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tas-27 t'Ottubru 2000 fejn prezentat affidavit.

Rat il-verbal tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn inghata digriet sabiex il-konvenuta tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavit u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenuta ghat-28 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 2001 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Rat id-Digriet tal-istess Qorti fejn iddikjarat li peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-konvenuta, li baqghet ma dehritx, resqet provi u lanqas provi bil-procedura tal-affidavit, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' seba' mija u sitta u tlettin lira u wiehed u hamsin centezmi (Lm736.51) bhala prezz ta' servizz tat-telefon numru 663520.

Illi l-konvenuta ma ikkontestatx il-kont bhala valur, u lanqas li kien hemm ftehim dwar l-ghoti tal-istess servizz telefoniku numru 663520 bejn l-istess konvenuta u s-socjeta' attrici a bazi ta' skrittura privata datata 21 ta'

Jannar 1986, li fil-fatt giet iffirmata mill-istess konvenuta izda allegat, u fil-fatt ecceppiet, li tali ammonti ma humiex dovuti minnha stante li tali telefonati ma sarux minnha izda minn certu Anthony James meta dan kien qed jokkupa l-istess fond. Illi fil-fatt ghall-ewwel kienet talbet il-kjamata fil-kawza tal-istess, izda wara ripensament min-naha taghha , fethet kawza ohra kontra l-istess Anthony James.

Illi pero' l-istess konvenuta ma gabet l-ebda prova la li talbet li l-istess servizz jigi interrot u lanqas gabet ebda prova ulterjuri, inkluz tal-istess Anthony James li allegatament ghamel uzu mill-istess apparat, u fl-ahharnett certament li l-istess konvenuta naqset li tipprova li s-socjeta' attrici naqset b'xi mod mill-obbligi taghha verso l-istess konvenuta.

Illi min-naha l-ohra jigi rilevat li l-allegazzjonijiet attrici ilkoll gew ippruvati stante li l-iskrittura privata datata 21 ta' Jannar 1986, fejn saret l-applikazzjoni ghall-tali servizz mill-konvenuta fil-fond hemm imsemmi, giet debitament iffirmata minnha, kif jidher mill-istess dokument a fol. 7 tal-process.

Illi jinghad ukoll li r-rendikont ta' telefonati li saru bejn il-perjodu tal-1 ta' April 1990 sat-30 ta' Gunju 1992, u l-ammonti hemm indikati, kollha relativi ghat-telefon numru 663520 qatt ma gew ikkontestati mill-konvenuta, u ghalhekk jirrizulta li huma dovuti minnha, bhala l-persuna li skond l-istess ftehim kellha relazzjoni kuntrattwali mal-

istess socjeta' attrici u dan anke a bazi tal-**artikolu 20 tar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon. (A.L.47 ta' l-1972).**

Illi jinghad ukoll li ghalkemm l-istess konvenuta qed tallega li l-istess linja giet utilizzata minn certu Anthony James, anke kieku dan jirrizulta, xorta jibqa' l-fatt li hija dejjem baqghet l-persuna li kellha relazzjoni mas-socjeta' attrici dwar l-istess servizz skond il-ftehim fuq indikat, salv kull azzjoni ta' rivalsa kontra terzi, jekk din ir-relazzjoni ulterjuri tigi ppruvata.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti dejjem japplika dak li gie stabbilit fis-sentenzi **"Maltacom p.l.c. vs Anne Micallef"** (P.A. R.C.P. 13 ta' Jannar 2000) u "**Maltacom p.lc. vs Eileen Borg"** (26 ta' April 2001) fejn inghad:-

*"Illi dwar l-ilmenti li l-'calls' in ezami saru minn terza persuna, dan ma ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, di fronte ghas-socjeta' attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta' attrici kienet u dejjem baqghet mal-istess konvenuta, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-eccezzjoni tal- konvenuta qed tigi michuda".*

Illi dan huwa ukoll konformi mal-fatt li l-azzjoni attrici hija ibbazata fuq ftehim bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, u ghalhekk l-unika kundanna li jista' jkun hemm f'din il-kawza hija propju a bazi ta' tali ftehim, u fil-fatt l-konvenuta biss hija l-legittima kontradittura fl-istess

proceduri, u kull persuna ohra hija esraneja ghal tali ftehim anke in virtu tal-principju *"res inter alios acta".*

Illi ovvjament jibqghu impregudikati d-drittijiet, jekk jigu ppruvati tal-istess konvenuta ma terzi, pero' *ai fini* ta' din il-kawza, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ma jistghux jigu milqugha primarjament minhabba nuqqas ta' provi tal-allegazzjonijiet minnha vantati, u wkoll peress li tali eccezzjonijiet ma jbidlu xejn mir-relazzjoni ezistenti bejn is-socjeta' attrici u konvenuta a bazi tal-ftehim ezistenti bejniethom.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta,** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u tlettin lira u wiehed u hamsin centezmi (Lm736.51) bhala prezz ta' servizz tat-telefon numru 663520, kollox kif intqal.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fil-4 ta' Mejju 1994 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 1678/93/JV kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**9 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Mejju 2001.**